# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Dicembru 2018**

**Numru 11**

**Rikors numru 879/06 SM**

**Falzon Service Station Limited (C1731) u b'digriet tal-15 ta' Marzu 2011, il-Qorti ordnat il-bdil tal-isem fl-okkju tal-kawza minn Falzon Service Station Limited ghal Falzon Group Holdings Limited**

**v.**

**Il-Bastiment Zebbug IMO 7026613, tat-Tip URR Ro/Ro MM SI 2560 33000 u b'digriet tad-19 ta' Settembru 2016 l-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-interessi tal-Bastiment Zebbug u b'digriet tas-7 ta' Ottubru 2016 il-kuraturi deputati Dottor Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer gew estromessi mill-kawza, u s-socjeta` V.P.J. Limited ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

Dawn huma proceduri ta' ritrattazzjoni a tenur tal-Artikolu 811(e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) wara s-sentenza ta' din il-Qorti, diversament ippreseduta, li nghatat fis-6 ta' Marzu, 2017. Ghall-ahjar intendiment ta' dawn il-proceduri, sejra tigi riprodotta s-sentenza kontestata, peress li fiha hemm migbura t-talbiet u l-eccezzjonjiet tal-partijiet, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet li wasslu lil din il-Qorti tichad it-talbiet attrici.

> "Preliminari
>
> "1. Dan huwa appell maghmul mis-socjeta` attrici minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili deciza fl-4 ta' Ottubru 2012, li permezz taghha, dik il-Qorti cahdet it-talbiet attrici sabiex tiddikjara u tiddeciedi li l-intimati solidalment jew min minnhom huma responsabbli ghall-hlas lilha ta' USD 22,449.64 rapprezentanti bejgh ta' *fuel oil* u tikkundanna lill-istess intimati solidament jew min minnhom biex ihallsu lis-socjeta` attrici l-ammont fuq indikat skont ir-rata tal-kambju fid-data tal-fattura u bl-imghax relattiv. L-ispejjez gew akkollati lis-socjeta` attrici; l-ewwel Qorti cahdet it-talbiet attrici wara li osservat li "l-azzjoni odjerna [kellha] tkun indirizzata b'mod differenti u mhux kontra l-intimati odjerni."
>
> "Mertu
>
> "2. Is-socjeta` attrici kienet bieghet lis-socjeta` Sea Malta Company Limited [Sea Malta], *fuel oil* bil-prezz ta' USD 22,449.64 ghall-uzu mill-bastiment taghha M.V. Zebbug. Sussegwentement, is-socjeta` Sea Malta bdiet il-process ta' stralc u dan il-bastiment inbiegh bis-subbasta lis-socjeta` konvenuta VPJ Limited. Mill-atti jirrizulta li l-vapur in kwistjoni inbigh *"Tale Quale as it lies and without reserve".*[1]
>
> "3. Is-socjeta` attrici tikkontendi illi tali fornitura tikkwalifika bhala *"necessary"*, u ghalhekk issostni li hi ghandha azzjoni *in rem* kontra l-bastiment ghall-kanonizzazzjoni u konsegwenzjali hlas tal-ammont pretiz minnha. Is-socjeta` VPJ Limited giet imharrka ghal kwalsiasi interess li jista' jkollha u ghall-fatt li skont is-socjeta` attrici xorta wahda dik il-konvenuta tibqa' responsabbli ghall-hlas tal-prezz tal-ammont ta' fuel fornit in kwantu arrikkiet ruhha u bbenefikat ingustament minn tali fornitura meta xtrat il-bastiment bis-subbasta.

[1] Fol. 78

"Is-Sentenza Appellata

"4. Peress li din tikkontjeni l-fatti kif esposti fir-rikors promotur, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, ir-risposta guramentata kongunta tal-konvenuti u l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti, is-sentenza appellata qed tigi prodotta fl-intier taghha.

"Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-28 ta' Settembru, 2006, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti ppremettiet sintetikament is-segwenti:

1. "Illi s-socjeta` rikorrenti forniet "*fuel oil*" lill-bastiment intimat fuq indikat meta l-istess bastiment kien proprjeta` tas-socjeta` Sea Malta Company Limited u li sussegwentement inbiegh lis-socjeta` ko-intimata fuq indikata V.P.J. Limited;

2. "Illi tali fornitura tikkwalifika bhala "*necessary*" biex teradika gurisdizzjoni ta' Qorti Maltija ghal azzjoni "*in rem*";

3. "Illi s-socjeta` rikorrenti hi kreditrici fl-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf, erba' mija u disgha u erbghin Dollaru Amerikan u erbgha u sittin centezmu, ($22,449.64), ghal tali fornitura;

4. "Illi s-socjeta` rikorrenti ntavolat Mandat ta' Qbid u Mandat ta' Impediment ta' Tluq ta' Bastiment kontra l-istess intimat kif indikati fir-rikors promotur fuq indikat;

5. "Illi l-intimati ottjenew il-kontromandat opportun wara li pprezentaw Cedola ta' Depozitu u Garanzija Bankarja kif indikat fl-istess rikors promotur;

6. "Illi s-socjeta` ntimata V.P.J. Limited, nonostante li estranea ghar-relazzjoni bejn il-kontendenti principali, xorta wahda tibqa' responsabbli ghall-ammont ta' fornitura nvoluta stante li arrikkiet ruhha ngustament peress li l-fornitura in dizamina kienet fil-bastiment de quo meta dan inxtara b'subbasta mis-socjeta` ko-intimata V.P.J. Limited;

"Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti talbet lil din il-qorti biex:

1. "Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghas-socjeta` rikorrenti ghall-bejgh ta' "*fuel oil*" lill-imsemmi bastiment intimat fl-ammont indikat aktar qabel;

2. "Tikkundanna lill-intimati solidament jew min minnhom biex ihallsu lis-socjeta` attrici l-ammont fuq indikat dovut ghal fornitura ta' "*fuel oi*l" skont ir-rata tal-kambju fid-data tal-fattura, bl-imghax dovut skont il-ligi;

3. "Bl-ispejjez;

"Rat ir-risposta guramentata kongunta tal-intimati datata t-3 ta' Novembru, 2006, li permezz taghha sintetikament ippremettew u rrispondew bil-mod segwenti:

1. "Illi l-"*fuel oil*" in dizamina gie fornit lis-socjeta` Sea Malta Company Limited u mhux lill-bastiment rikorrenti;

2. "Illi s-socjeta` rikorrenti ma fadlilha l-ebda jeddijiet fil-konfront tal-vapur jew tas-sidien odjerni stante li l-vapur gie liberat minn kull dejn gravanti fuqu sas-subbasta;

3. "Illi wara li s-socjeta` ntimata V.P.J. Limited xtrat il-bastiment de quo bis-subbasta "*tale quale*", "*as it lies*", u "*without reserve*" is-socjeta`de quo m'ghandha l-ebda pizijiet li taghhom trid taghmel tajjeb ghalihom meta xtrat l-imsemmi bastiment;

4. "Illi ghalhekk, kwalunkwe drittijiet li s-socjeta` rikorrenti seta' kellha fil-konfront tal-bastiment intimat, dawn intilfu rrimedjabbilment malli gie konkluz il-bejgh bis-subbasta;

"Illi konsegwentement sintetikament eccepew is-segwenti:

1. "Illi l-bastiment de quo mhux legittimu kontradittur ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. "Illi s-socjeta` ntimata V.P. J. Limited ukoll mhix legittimu kontradittur ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti stante li ma hemm l-ebda relazzjoni bejn il-partijiet u ghalhekk hi wkoll ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

3. "Illi l-intimati m'humiex debituri tas-socjeta` rikorrenti stante li jekk hemm xi debiti dovuti dawn huma dovuti mis-socjeta` Sea Malta Company Limited, is-socjeta` li maghha sar in-negozju li effettivament ta lok ghal din il-procedura;

4. "Illi l-intimati m'ghamlu l-ebda arrikkiment indebitu;

5. "Illi di piu`, s-socjeta` rikorrenti m'ghamlet xejn biex twaqqaf is-subbasta in dizamina;

6. "Illi ma jezistux l-estremi tal-azzjoni *in rem*;

"Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-30 t'Ottubru, 2007, li permezz tieghu, wara li rat it-talba appozita tal-intimati u wara li rat l-adezjoni ghall-istess mis-socjeta` rikorrenti, ordnat il-komunika necessarja biex ir-Registratur involut jaderixxi ruhu u b'hekk jipprezenta l-atti kollha tas-subbasta 60/06 fil-process odjern biex jigu allegati mieghu u jitqiesu prova fil-kawza odjerna;

"Rat id-digriet ta' din l-istess qorti wkoll diversament preseduta datat it-22 ta' Novembru, 2007, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm espressi, ddikjarat il-provi tas-socjeta` rikorrenti maghluqa;

"Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti wkoll datat it-22 ta' Novembru, 2007, li permezz tieghu ddikjara li s-socjeta` rikorrenti ma kellhiex aktar provi x'tipproduci;

"Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-intimati datat it-8 t'April, 2008, li permezz tieghu, wara li pprezenta l-affidavit hemm riferit, iddikjara li s-socjetajiet intimati m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu;

"Rat il-kontroezami datat il-11 ta' Novembru, 2008, mismugh minn din il-qorti diversament preseduta;

"Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-12 ta' Marzu, 2009, li permezz tieghu, nonostante li l-abbli rapprezentanti taz-zewg

partijiet kienu ddikjaraw li m'ghandhomx provi ohra x'jipproducu, (ara rispettivament fol 64 A u 66) innominat lill-assistent gudizzjarju maghha addet biex " … jisma' l-provi kollha f'din il-kawza", (ara fol 80);

"Rat il-verbal datat it-18 ta' Novembru, 2009, fejn nonostante l-verbali tal-abbli rapprezentanti legali ndikati fil-paragrafu precedenti, l-assistent gudizzjarju riferit iddikjara li kien sema' xi provi u li kellu seduti ohra ffissati ghal gbir ta' aktar, (ara fol 81);

"Rat il-provi u dokumenti mismugha mill-istess assistent gudizzjarju;

"Rat il-verbal datat l-14 t'April, 2010, li permezz tieghu l-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar xi jressqu u li l-kawza setghet tithalla ghas-sentenza bil-fakulta` ta' noti, (ara fol 94), fejn gie wkoll stabbilit il-perjodu reciproku fejn il-partijiet kellhom jipprezentaw in-noti rispettivi taghhom;

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata d-29 ta' Settembru, 2010, (abbundantement wara l-iskadenza lilha mposta ghalkemm dan sar bl-avall ta' din l-istess qorti diversament preseduta, (ara fol 117);

"Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti datat is-6 ta' Jannar, 2011, li permezz tieghu talbet is-sostituzzjoni ta' isem is-socjeta` rikorrenti fl-okkju tal-kawza u kull fejn jirrikorri bl-isem ta' Falzon Group Holdings Limited, (ara fol 118);

"Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-15 ta' Marzu, 2011, fejn wara li l-abbli rapprezentant legali tal-intimati esprima n-nuqqas t'oppozizzjoni tieghu ghal din it-talba, laqghet l-istess talba kif prezentata;

"Rat id-dikjarazzjoni kongunta tal-partijiet datata l-15 ta' Marzu, 2011, li permezz taghha regghu ddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu, (ara fol 121);

"Rat id-digriet ukoll datat il-15 ta' Marzu, 2011, ta' din il-qorti diversament preseduta fejn regghet ikkoncediet lill-intimati tmien gimghat zmien biex jipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, (ara fol 121), kif sussegwentement ukoll ikkonfermat mill-istess qorti kif preseduta, permezz tad-digriet datat id-9 ta' Gunju, 2011;

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati datata l-15 ta' Frar, 2012;

"Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

"Ikkunsidrat:

"Illi nonostante t-trapass ta' zmien riskontrat mill-bidu tal-kawza, ix-xhieda prodotta hi limitata ghall-pagna wahda kull wiehed mir-rapprezentanti tas-socjetajiet kontendenti u ghall-kontroezami verbuz u bla struttura dixxiplinata ta' wiehed minnhom – procedura li ghalhekk ghandu jkun pacifiku li ma jiggustifikax it-trapass ta' zmien riskontrat, (sitt (6) snin), sal-konkluzjoni tal-vertenza;

“Ikkunsidrat:

“Illi r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti sintetikament isostni s-segwenti:

1. “Illi kien hemm relazzjoni kummercjali durevoli bejn is-socjeta` rikorrenti u s-Sea Malta Company Limited, (minn issa ‘l quddiem Sea Malta);

2. “Illi s-socjeta` rikorrenti kienet tforni lis-socjeta` Sea Malta bi prodotti ta’ diesel u zejt, u l-hlas ghal dawn il- fornituri kienu jkunu b’lura;

3. “Illi meta s-Sea Malta giet xolta, il-Gvern ghamel tajjeb ghall-pagamenti dovuti fir-rigward – bl-eccezzjoni tal-bastimenti Maltese Falcon u Zebbug;

4. “Illi l-istess rapprezentant in dizamina fl-affidavit tieghu jsostni s-segwenti:

“Il-gvern irid ibiegh il-vapuri, u ahna kellna nithallsu mill-Gvern”;

5. “Illi fir-rigward jirrizulta li ntlahaq ftehim bl-eccezzjoni tal-ahhar fornitura li ha “ … peress li dawn kellhom jithallsu minn min xtara l-vapuri fis-subbasta …”, (ara fol 63);

6. “Illi ghalhekk l-arrangament li s-socjeta` rikorrenti ghamlet mal-Gvern ghan-nom tas-Sea Malta kien li l-ahhar fornitura lill-bastiment Zebbug ma tkunx akkollata lill-Gvern izda lil min jixtrieh – f’dan il-kaz bis-subbasta;

“Illi minn naha tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` ntimata jsostni sintetikament is-segwenti:

1. “Illi wara li f’Dicembru 2005 is-Sea Malta giet falluta, zewg bastimenti taghha, fosthom l-M.V. Zebbug, inbieghu bis-subbasta;

2. “Illi fl-irkant konsegwenzjali, s-socjeta` ntimata rnexxielha tispunta u xtrat il-bastiment de quo, ghall-ammont ta’ sitt mija u ghaxart elef Lira Maltin, (LM610,000.00);

3. “Illi sussegwentement l-istess bastiment gie mibjugh lil socjeta` ohra;

4. “Illi stante li l-bastiment inxtara mis-socjeta` ntimata bis-subbasta, din is-socjeta` ssostni li xejn ma hu minnha dovut lir-rikorrenti u li ghalhekk il-kawza odjerna ghandha tkun indirizzata xi mkien iehor;

“Ikkunsidrat:

“Illi ghandu jkun pacifiku li l-oggett meritu tal-vertenza odjerna hu bastiment – l-M.V. Zebbug – li nxtara mis-socjeta` ntimata V.P.J. Limited bil-procedura ta’ subbasta;

"Illi ghall-ekonomija tal-gudizzju ssir referenza ghall-artikolu 364 tal-Kap 12 li jistabbilixxi sintetikament is-segwenti:

> "Il-bejgh … tal-bastiment … skont id-dispozizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu (il-bejgh approvat mill-qorti ghal vapuri, bastimenti u ingenji tal-ajru), jaghti lix-xerrej titolu li ma jkunx aggravat minn kull privilegg jew piz, u wara l-bejgh il-pretensjonijiet … kollha kontra … il-bastiment … jistghu jigu ezegwiti kontra r-rikavat tal-bejgh biss";

"Illi ghalhekk ghandu jkun ovvju li l-procedura odjerna, ndirizzata kif inhi kontra s-socjeta` kompratrici rebbieha tal-bejgh bl-irkant in dizamina mhix il-procedura idonea;

"Illi l-Kap 12 gia` abbundantement u bi kjarezza haseb ghal sitwazzjoni bhal dik hawn rizultanti fejn jirrizulta b'mod car li r-rimedju li jippostula mhux dak intrapriz mis-socjeta` rikorrenti;

"Illi fic-cirkostanzi l-azzjoni relattiva moghtija lis-socjeta` rikorrenti hi dik li tippersegwixxi r-rikavat tal-bejgh biss – u xejn aktar;

"Illi ghalhekk il-procedura hawn intrapriza ma treggix nonostante li jista' jirrizulta li din l-istess socjeta` rikorrenti setghet giet raggirata fit-trattattivi li tghid li kellha mal-Gvern – haga tassew deplorevoli – li kuntrarju ghal negozjaturi ohra hu dejjem obbligat jagixxi *in buona fede*;

"Illi ghalhekk l-azzjoni odjerna ghandha tkun indirizzata b'mod differenti u mhux kontra l-intimati odjerni;"

"<u>L-Appell</u>

"5. Is-socjeta` attrici appellat minn dik is-sentenza b'rikors tat-23 ta' Ottubru 2012 u l-aggravji taghha jistghu jigu sintetizzati hekk: [1] li l-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza fuq punt li ma kienx formalment eccepit u li ma kienx tqajjem fil-kontestazzjoni, [2] li l-Qorti ddecidiet malament il-meritu meta ibbazat il-konsiderazzjonijiet taghha fuq l-Artikolu 364 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili li jirreferi ghal *"Bejgh Approvat mill-Qorti"* li huwa bejgh privat, u mhux bejgh b'subbasta jew irkant pubbliku u ghalhekk, l-imsemmi artikolu huwa inapplikabbli ghal kaz odjern; [3] li s-socjeta` attrici riedet tistablixxi titolu ezekuttiv kontra l-vapur u ghalhekk ezercitat l-azzjoni *in rem* kontrih, u l-kwistjoni jekk ghandhiex dritt tippersegwixxi kontra r-rikavat tas-subbasta tista' logikament tqum wara; [4] li l-ewwel Qorti ma indirizzatx il-kwistjoni jekk il-kumpanija konvenuta kinitx debitrici ghar-ragunijiet premessi fir-rikors guramentat.

"6. Ghalhekk is-socjeta` attrici qed titlob lil din il-Qorti sabiex joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi, previa li tichad l-eccezzjonijiet kollha taz-zewg konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici bl-

ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti solidalment bejniethom.

“7. Permezz ta’ risposta datata 11 ta’ Settembru 2013, il-konvenuti jwiegbu ghall-appell tas-socjeta` attrici u ghar-ragunijiet hemmhekk esposti, jitolbu lil din il-Qorti sabiex tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata in toto, bl-ispejjez taz-zewg istanzi a karigu tas-socjeta` attrici.

“<u>L-Aggravji</u>

*“Sottomissjonijiet Generali tas-socjeta` attrici*

“8. Is-socjeta` attrici tibda bis-sottomissjoni li l-*fuel oil* li kien jinsab fil-*bunker* tal-vapur fil-mument tal-bejgh jirradika gurisdizzjoni *in rem* ghaliex jikkwalifika bhala “*necessary”* u wkoll bhala “*bunker”*. Inoltre, id-dritt fuq il-*bunker* dejjem tqies distint mill-vapur, izda peress li fil-kaz odjern dan kien jinsab fit-tank tal-vapur, kellu necessarjament jigi azzjonat il-vapur. Ifisser ghalhekk illi l-bejgh tal-vapur u l-akkwist tieghu minn terzi b’subbasta ma jeffettwax id-dritt tas-socjeta` attrici li tagixxi kontra l-vapur ghall-kreditu li kellha ghaliex dan id-dritt ma giex estint. Apparti dan, l-ewwel Qorti ma ttrattat xejn dwar l-azzjoni attrici fil-konfront tal-kumpanija konvenuta.

*“L-Ewwel u t-Tieni Aggravji*

“9. Is-socjeta` attrici titratta l-ewwel zewg aggravji flimkien u tissottometti li l-Artikolu 364 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili citat mill-ewwel Qorti ma kienx jifforma parti mill-kontestazzjoni f’dawn il-proceduri u kien tqajjem l-ewwel darba minn dik il-Qorti *sua sponte*. F’materja ta’ procedura, il-Qorti hija normalment marbuta bit-talbiet u l-eccezzjonijiet li jqajjmu l-partijiet. Jekk imbaghad jidhrilha li ghandha tqajjem hi xi punt ta’ ligi li jidhrilha applikabbli u li ma giex eccepit u diskuss mill-partijiet almenu ghandha tinforma lill-partijiet biex dawn ikollhom l-opportunita` li jittrattaw il-punt.

“10. Barra minnhekk, dak l-artikolu ma ghandu x’jaqsam xejn mal-proceduri odjerni ghaliex dak japplika fil-kuntest ta’ *bejgh approvat mill-qorti* filwaqt li fil-kaz odjern il-bejgh kien sar bis-subbasta, jigifieri b’ordni tal-Qorti.

“11. Il-konvenuti jirribattu ghall-ewwel aggravju tas-socjeta` attrici, li l-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza fl-ismijiet premessi fuq punt li ma kienx gie formalment eccepit, billi jghidu li din allegazzjoni hija kompletament infondata. Huma jissenjalaw li l-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza a bazi tal-fatt illi, minkejja l-pretensjonijiet imressqa mis-socjeta` attrici, ladarba l-bastiment inbiegh lis-socjeta` konvenuta permezz tas-subbasta, is-socjeta` konvenuta

llum hija biss terz fil-pussess. Ghaldaqstant kwalunkwe dritt li s-socjeta` attrici jista' jkun illi ghad ghandha in vista tal-kreditu dovut lilha, jista' jigi nforzat biss kontra r-rikavat tal-istess vapur u mhux kontra l-bastiment innifsu jew kontra s-socjeta` konvenuta.

"12. Jirrizulta ghalhekk li l-ewwel Qorti essenzjalment ibbazat id-decizjoni taghha fuq il-fatt illi t-talba tas-socjeta` attrici kellha tkun diretta lejn ir-rikavat tal-vapur u mhux kontra l-konvenuti, kif spjegat mill-istess Qorti permezz tad-dikjarazzjoni taghha illi *"l-procedura odjerna, indirizzata kif inhi kontra s-socjeta` kompratrici rebbieha tal-bejgh bl-irkant in dizamina mhix il-procedura idonea".* Din id-dikjarazzjoni ghalhekk tixhed illi d-decizjoni tal-ewwel Qorti kienet motivata mill-fatt illi l-kawza kellha ssir kontra r-rikavat tal-vapur u mhux kontra l-konvenuti, kif gie formalment eccepit minnhom fir-risposta guramentata taghhom, huma mhumiex il-legittimi kontraditturi ghall-proceduri inizzjati mis-socjeta` attrici u li ghalhekk il-kawza kif formolata mis-socjeta` attrici hija legalment insostenibbli.

"13. Il-konvenuti jissottomettu wkoll illi dwar it-tieni aggravju tas-socjeta` attrici, minkejja l-fatt illi wiehed jista' forsi jiddibatti dwar l-applikabbilita` tal-Artikolu 364 fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti tramite dak l-artikolu, u cioe` illi wara l-bejgh bis-subbasta l-pretensjonijiet u t-talbiet kontra l-vapur jistghu jsiru biss fil-konfront tar-rikavat mill-bejgh tal-vapur, hija wahda korretta irrispettivament mill-applikazzjoni tal-Artikolu 364 u kwalunkwe ezami tal-materja necessarjament twassal ghall-konkluzjoni identika, jew ahjar ghall-konkluzjoni illi l-proceduri odjerni kellhom jigu diretti kontra r-rikavat mill-vapur u mhux kontra l-vapur innifsu jew kontra t-terz kompratur.

"14. Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu kif sostnut mis-socjeta` attrici li l-kaz odjern ma jittrattax *Bejgh Approvat bil-Qorti* u allura l-Artikolu 364 tal-Kodici li fuqu l-ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha huwa inapplikabbli ghall-kaz odjern, izda, in linea generali din il-Qorti tosserva li l-fatt li artikolu tal-ligi ma jissemmhiex fil-mori tal-proceduri, ma jimpedix lill-Qorti milli tikkonsidrah, jekk jidhrilha li dak l-artikolu tal-ligi huwa rilevanti fil-kuntest jew tat-talbiet tal-attur jew tal-eccezzjonijiet li jkunu inghataw. Dan qed jinghad fid-dawl tal-konsiderazzjoni li, fil-kaz odjern, ghalkemm il-bejgh tal-vapur in kwistjoni ma jaqax taht id-dispozizzjonijiet elenkati fis-"Sub-Titolu V", dak stipulat fl-Artikolu 364 huwa konformi mad-dispost tal-Artikolu 37D tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili [Kap.234] li fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk:

"(1) Ipoteka navali reġistrata tibqa' tolqot bastiment jew sehem fih li dwaru tkun reġistrata sakemm tiġi mħallsa:

…………………………………..

> “Iżda wkoll, li meta bastiment ikun ġie mibjugħ wara ordni jew bl-approvazzjoni ta’ qorti kompetenti li fil-ġurisdizzjoni tagħha l-bastiment kien fiż-żmien tal-bejgħ, l-interess tal-kredituri kif ukoll dak ta’ kull kreditur ieħor ipotekarji fil-bastiment jiġi mgħoddi għad-dħul mill-bejgħ tal-bastiment mhux issodisfatti mniżżla fih:
>
> …………………………………..
>
> “(2) Kull ipoteka jew privileġġ sew ġenerali, sew speċjali li għalihom jista’ jkun suġġett bastiment taħt id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili ma jibqghux jolqtu mieghu meta l-bastiment jigi trasferit lil terzi.
>
> “(3) Bla ħsara għal kull kawża oħra li minħabba fiha tista’ skont il-liġi tispiċċa obbligazzjoni, il-privileġġi speċjali msemmija fl-artikolu 50 ma jispiċċawx mal-bejgħ tal-bastiment, ħlief fil-każ ta’ bejgħ magħmul wara ordni jew bl-approvazzjoni ta’ qorti kompetenti mill-qorti magħmul skont il-formi stabbiliti bil-liġi.”

“15. Il-premess ikompli jsostni ir-raba’ eccezzjoni tal-konvenuti li, wara l-bejgh tal-vapur bis-subbasta, “id-drittijiet li is-socjeta` rikorrenti seta’ kellha fil-konfront tal-bastiment intimat, dawn intilfu rrimedjabbilment malli gie konkluz il-bejgh bis-subbasta”.

“16. Ghaldaqstant, dawn l-aggravji huma infondati u qed jigu michuda.

*“It-Tielet Aggravju*

“17. F’dan l-aggravju taghha s-socjeta` attrici tikkontendi illi bl-azzjoni odjerna, hija riedet fl-ewwel lok tistabbilixxi titolu ezekuttiv sabiex tkun tista’ tikkonkorri ma’ kredituri ohrajn fir-rikavat. Huwa maghruf illi s-socjeta` Sea Malta qeghdha fi stralc u allura li kieku s-socjeta` attrici pprocediet kontra Sea Malta kienet tkun difficli li tikkonkorri ma’ kredituri ohrajn ta’ dik is-socjeta` biex tithallas.

“18. Tissottometti illi l-alternattiva l-ohra li ppruvat fil-proceduri odjerni hija illi tagixxi direttament kontra l-bastiment fuq bazi ta’ azzjoni *in rem*, la darba kellha wkoll din l-azzjoni. Apparti dan, hemm il-konsiderazzjoni li l-kreditu pretiz minnha jirrigwardja l-ahhar fornitura ta’ *fuel oil* tal-bastiment u allura kemm il-bastiment kif ukoll l-akkwirenti l-gdid ha l-beneficcju tal-*fuel oil* minghajr ma hallas ghalih.

“19. Tkompli tissenjala li bl-azzjoni odjerna hija riedet [1] tistabilixxi titolu ezekuttiv u ghazlet li titolbu wkoll kontra l-bastiment, [2] li kemm fid-dottrina u kif ukoll fil-gurisprudenza, kemm lokali kif ukoll dik estera, l-*bunker* dejjem tqis bhala entita` separata mill-vapur u, [3] li hija kellha d-dritt li taghmel azzjoni *in rem* kontra l-bastiment.

“20. Dwar l-ewwel punt, tghid li biex tithallas riedet gudikat jew titolu ezekuttiv iehor u ghalhekk, il-kwistjoni ma kenitx xi priorita` kellha fuq ir-rikavat, din *se mai* tigi wara. Barra minn hekk hija ma agixxietx kontra r-rikavat ghaliex dan ma ghandux personalita` guridika, u lanqas kontra

Sea Malta ghar-ragunijiet diga` spjegati. Ghalhekk agixxiet kontra l-bastiment kif kellha dritt li taghmel u dahhlet ukoll lill-kumpanija konvenuta ghal kull interess li jista' jkollha bhala beneficjarja.

"21. Dwar t-tieni u t-tielet punt, tghid li jsegwi illi, in kwantu l-*bunker* ghandu dejjem entita` separata mill-bastiment u d-djun tieghu, l-esponenti ghandu dritt ta' kreditu kontra l-bastiment. Ticcita l-Art 742B [o] tal-Kodici u tissottometti li dan jirradika gurisdizzjoni *in rem* f'kaz ta' *"Any claim in respect of goods, materials, bunkers, supplies and necessaries supplied or services rendered to a ship for her operation, management or preservation".* Minn imkien ma gie ppruvat illi dan il-kreditu kontra l-vapur ghal *necessary* jew *bunker* jispicca ghaliex il-vapur jinbiegh b'subbasta. Anzi, tissottometti li jibqa' jwiegeb il-bastiment.

"22. Tissottometti illi l-*bunker* huwa entita` separata fis-sens illi ma jitqiesx parti mill-vapur. Dan ifisser illi l-fatt illi jinbiegh il-vapur ma jfissirx illi l-*bunker* jinbiegh mieghu, fi kliem iehor il-*bunker* mhux inkluz fil-bejgh u jibqa' separat mill-bejgh tal-vapur. Min jakkwista l-vapur, ma akkwistax il-*bunker* go fih u allura ma jkunx hallas ghalih minkejja li jkun gawda l-beneficcju tieghu.

"23. Il-konvenuti jilqghu ghal dan l-aggravji bil-mod segwenti. Huma jissottomettu illi, wara li jsir il-bejgh bis-subbasta, ir-rikavat tal-vapur essenzjalment jissostitwixxi lill-vapur innifsu u dan sabiex il-pizijiet li qabel il-bejgh kienu jinkombu fuq il-vapur, wara s-subbasta jigu trasferiti fuq ir-rikavat mill-bejgh tal-istess vapur. Isegwi ghalhekk li jkun ir-rikavat mill-bejgh tal-vapur li jaghmel tajjeb ghall-pizijiet u mhux il-vapur mibjugh lil terzi. Din il-bidla necessarjament timplika wkoll illi meta wiehed ikollu kreditu fuq bastiment li jinbiegh bis-subbasta, dak il-kreditu ma jibqax aktar enforzabbli kontra l-bastiment innifsu izda jsir biss enforzabbli kontra r-rikavat tal-istess bastiment. Ghalhekk meta l-kreditur irid jipprocedi gudizzjarjament sabiex jithallas wara bejgh ta' bastiment bis-subbasta, il-kreditur ma jistax jipprocedi aktar kontra l-bastiment innifsu imma jrid necessarjament jipprocedi kontra r-rikavat mill-bejgh tieghu. Ghaldaqstant il-bastiment Zebbug m'ghandu u ma jista' jkollu l-ebda debitu favur is-socjeta` attrici stante li kwalunkwe pretensjonijiet li seta' kien hemm kontrih imxew ghal fuq ir-rikavat mill-bejgh tieghu.

"24. Jissottomettu illi, li kieku s-socjeta` attrici riedet tipprotegi d-drittijiet taghha fuq iz-zejt, hija setghet tikkawtela kwalunkwe dritt li jista' jkun li kellha billi tiehu l-passi gudizzjarji relevanti, haga li naqset ghal kollox milli taghmel. Hija kellha tiehu passi qabel il-bejgh tal-vapur bis-subbasta. Kieku s-socjeta` attrici kienet verament tippretendi li kellha xi jedd fuq il-*bunker*s, hija kellha r-rimedju fil-ligi li tikkawtela id-dritt pretiz b'mandat ta' qbid fuq l-istess. Kien l-obbligu taghha li, jekk riedet tissalvagwardja pretensjoni taghha, tiehu l-passi necessarji bil-ghan li tipprezerva d-dritt taghha. Ghalhekk, fin-nuqqas ta' tali mizuri, u fid-

dawl tal-fatt li l-bejgh tal-vapur sar minghajr rizerva s-socjeta` attrici ma setghetx tippretendi li ghad ghandha azzjoni kontra l-vapur.

"25. Rigward il-possibilita` ta' allegazzjoni ta' privilegg fuq vapur mibjugh bis-subbasta, il-konvenuti jissottomettu illi l-Qorti tal-Appell, permezz tas-sentenza tat-3 ta' April 2009 fl-ismijiet Emanuel Azzopardi et v. MV Maltese Falcon et (Cit. Nru.503/2006), irriteniet illi tali allegazzjoni *"ghandha tigi mistharrga fil-konfront tad-debitur u l-kredituri l-ohra kollha, peress li din il-kwistjoni ma tolqotx biss lid-debitur jew lill-bastiment in kwistjoni, izda fuq kollox lill-kredituri l-ohra li qed jikkompetu fuq is-somma rapprezentanti r-rikavat mill-bejgh tal-istess bastiment"* u ghalhekk hija kompliet illi f'kaz tal-kontestazzjoni ta' privilegg, *"l-istharrig gudizzjarju tieghu jrid isir fil-konkors tal-kredituri l-ohra kollha".*

"26. Il-Qorti tosserva li, il-fatt li l-Att dwar il-Bastimenti Mekantili fl-Artikolu 37D fuq citat jistipula li l-privilegg navali ma jibqax isegwi l-vapur mal-bejgh tieghu, meta dan ikun sehh "b'ordni jew b'approvazzjoni tal-Qorti" imma jigu esegwiti kontra r-rikavat tal-bejgh, *multo magis* allura dawk il-pretensjonijiet ta' krediti, bhala dak in dizamina, li ma jkunux ghadhom kanonizzati minn Qorti ma jistghux jingiebu kontra l-vapur wara li dan ikun inbigh bis-subbasta.

"27. Fit-tieni lok, din il-Qorti tosserva li d-dispost tal-Artikolu 742B [o] tal-Kodici ma jdghajjifx it-tezi tal-konvenuti li, wara l-bejgh tal-vapur bis-subbasta, il-kredituri jistghu jezercitaw id-drittijiet taghhom fuq ir-rikavat tal-bejgh u mhux fuq il-vapur. L-imsemmi artikolu jistabbilixxi l-gurisdizzjoni tal-qrati maltin kontra vapuri *in rem*, inter alia, ghal:

> "[o] kull pretensjoni rigwardanti merkanzija, materjal, provizjonijiet, *bunker*s, provvisti u necessitajiet forniti lill-vapur ghat-thaddim, immaniggjar, zamma u manutenzjoni tieghu."

"28. Izda, dan m'ghandux jigi interpretat b'mod li jikkuntrasta ma' dak stipulat fl-artikoli fuq citati partikolarment l-Artikolu 37D tal-Kap. 234, ghax bhala principju generali ghandu jkun car li ligijiet fl-istess gurisdizzjoni ghandhom jigu interpretati li huma konformi ma' xulxin sakemm ma jkunx espressament stipulat mod iehor, f'liema kaz allura tkun applikabbli l-massima legali *lex specialis derogat generali*. Ghalhekk din il-Qorti tosserva li, filwaqt li l-Artikolu 742B tal-Kodici jirradika l-gurisdizzjoni tal-qrati maltin kontra vapuri ghall-pretensjonijiet indikati fl-istess artikoli, l-imsemmi Artikolu 37D, u wkoll l-Artikolu 364 tal-Kodici jipprospettaw sitwazzjoni specjali jew partikolari fejn il-vapur ikun inbigh, jew b'subbasta jew b'approvazzjoni tal-Qorti, u allura l-kredituri ma jkunux jistghu aktar jidderigu l-azzjonijiet taghhom kontra l-vapur izda kontra r-rikavat mill-bejgh tal-istess.

"29. Fit-tielet lok, hija flokha s-sottomissjoni tal-konvenuti li, kieku s-socjeta` attrici verament riedet tissalvagwardja l-interessi taghha bhala kreditrici ghall-*fuel oil*, hija kellha l-mezzi legali sabiex, jew qabel jew fil-

mori tal-proceduri tas-subbasta, tirrikorri ghar-rimedji kawtelatorji provduti mil-ligi sabiex tassikura l-kreditu pretiz minnha. Izda s-socjeta` attrici ma ghamlet xejn minn dan u issa, wara li nbigh il-vapur, qed tippretendi li tagixxi kontra l-vapur ghall-kanonizzazjoni tal-kreditu pretiz minnha meta kif fuq spjegat dan m'ghadux possibbli. F'dan il-kaz tapplika l-massima *vigilantibus non dormientibus jura succurrunt.*

"30. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

*"Ir-Raba' Aggravju*

"31. Permezz ta' dan l-aggravju s-socjeta` atttrici tghid li l-ewwel Qorti lanqas qieset jew b'xi mod ikkonsidrat il-kawzali l-ohra numru sitta li fuqha hija bazata l-azzjoni kontra l-kumpanija konvenuta, li hi fis-sens illi din arrikkiet ruhha u bbenefikat ingustament mill-fornitura taz-zejt meta akkwistat il-vapur bih diga` lest u mghobbi. Tghid li jekk il-vapur mhux responsabbli, certament il-kumpanija konvenuta arrikkiet ruhha bl-akkwist ta' *bunker* li ma hallsitx ghalih u li ma kienx inkluz fil-bejgh tal-bastiment. Qatt ma gie eccepit illi dan thallas, izda l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta kienet li hi ma kinitx il-legittima kontradittrici. Dan il-punt kien jimmerita illi jigi kkonsidrat, izda gie injorat mill-Qorti. Lanqas ma kien hemm fuq dan il-punt il-beneficcju tad-doppju ezami ghaliex il-Qorti ma kkonsidratux.

"32. Da parti taghhom, il-konvenuti jissottomettu illi l-bastiment Zebbug inbiegh bis-subbasta bhala *tale quale*, *"as it lies and without reserve"*. Dan ifisser li l-bastiment kien gie mibjugh bl-accessorji u bil-hwejjeg kollha l-ohra relatati mieghu u li kienu prezenti fuqu fil-mument tal-ispezzjoni mill-akkwirenti u fil-mument tal-bejgh innifsu, dan jinkludi z-zejt li kien prezenti fit-tankijiet tal-vapur. F'dawk ic-cirkostanzi kellu jigi prezunt li, ladarba ma kien hemm l-ebda rizerva mis-socjeta` attrici dwar iz-zejt li kien fil-*bunker* tal-vapur meta dan inbigh, tali zejt kien parti mill-offerta tal-bejgh u kien gie mehud in konsiderazzjoni mis-socjeta` konvenuta bhala kompratrici meta hija ghamlet l-offerta tal-prezz taghha. Ghalhekk l-argument tas-socjeta` attrici li z-zejt li kien fit-tankijiet tal-vapur fil-mument li dan inbigh ma kienx inkluz fl-offerta u fl-eventwali bejgh li sar huwa insostenibbli fic-cirkostanzi tal-kaz.

"33. Il-konvenuti jkomplu jissottomettu illi l-kreditu pretiz mis-socjeta` attrici relatat mal-bejgh taz-zejt in kwistjoni jemergi mill-bejgh li kien sar mill-istess socjeta` attrici lis-socjeta` Sea Malta u l-validita` ta' dan il-bejgh ma gietx ikkontestata. Ghalhekk is-socjeta` konvenuta, bhala akkwirenti, hija kompletament estranea ghal dak il-bejgh stante li l-unika konnessjoni li ghandha mal-materja hija sempliciment dik illi hija akkwistat il-vapur permezz tal-irkant bis-subbasta u li fil-mument tal-bejgh iz-zejt kien diga` fil-*bunker* tal-vapur.

"34. Il-pozizzjoni tas-socjeta` konvenuta ghalhekk m'hija xejn ghajr dik tat-terz fil-pussess li akkwista *in buona fede* u l-kreditu li qeghdha tipprova tenforza s-socjeta` attrici permezz tal-proceduri odjerni huwa

ghaliha *res inter alios acta* li jikkoncerna biss lill-kompratur taz-zejt, jigifieri lis-Sea Malta.

“35. Jghidu li l-fatt li s-socjeta` Sea Malta tinsab fi stat ta’ likwidazzjoni ma jbiddel xejn minn dan, in kwantu il-kreditur ghandu d-dritt li jikkonkorri mal-kredituri l-ohra. Izda wiehed ma jistax validament isostni li x-xerrej ta’ proprjeta` li nbieghet bis-subbasta b’konsegwenza tal-istess procedura ta’ stralc isir responsabbli ghad-djun tas-socjeta`, l-assi ta’ liema jkunu qeghdin jigu mibjugha.

“36. Jghidu li din il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti relatata mal-indirizz inkorrett tal-kawza kontra l-esponenti tirrendi ir-raba’ aggravju tas-socjeta` attrici minghajr ebda bazi. Il-kwistjoni dwar l-istat tas-socjeta` konvenuta bhala debitrici giet implicitament rizolta mill-ewwel Qorti u dan billi d-decizjoni taghha, hekk kif aktar ’il fuq spjegata, essenzjalment iddikjarat illi s-socjeta` attrici m’ghandha l-ebda talba li tista’ tressaq fil-konfront tas-socjeta` konvenuta ghax kwalunkwe talba li hija jista’ jkun illi ghandha tista’ issir biss kontra r-rikavat tal-vapur. Din id-decizjoni ghalhekk b’mod implicitu rrizolviet l-kwistjoni ta’ jekk is-socjeta` akkwirenti tikkwalifikax bhala debitrici fil-konfront tas-socjeta` attrici jew le, u dan billi implicitament iddikjarat li l-istess socjeta` fil-fatt mhijiex debitrici tas-socjeta` attrici. Ladarba l-ewwel Qorti ddecidiet illi ma hemm l-ebda azzjoni kontra s-socjeta` akkwirenti, tali konkluzjoni necessarjament timplika wkoll illi l-istess socjeta` m’hijiex debitrici.

“37. Din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward.

“38. Fl-ewwel lok tosserva li, kif gustament sottomess mis-socjeta` konvenuta, il-bejgh tal-*fuel oil* mis-socjeta` attrici sar lis-Sea Malta u ghalhekk ghas-socjeta` konvenuta dan il-bejgh huwa *res inter alios acta*, u ghalhekk hija m’ghandhiex il-legittimazzjoni passiva f’kawza ghall-kundanna tal-pagament tal-prezz dovut rizultat ta’ dak il-bejgh. Huwa wkoll *res inter alios acta* il-ftehim li allegatament kien sar bejn is-socjeta` attrici u l-Gvern ghan-nom tas-Sea Malta li l-*fuel* fil-*bunker* ihallas ghalih min jixtri l-vapur.

“39. Fit-tieni lok, tosserva li t-tezi li s-socjeta` konvenuta arrikkiet ruhha indebitament meta ghamlet uzu mill-*fuel* mibjugh mis-socjeta` attrici lis-Sea Malta u li kien fil-vapur fil-mument tal-bejgh, hija mdghajjfa mill-konsiderazzjoni li, fil-mument tal-bejgh tal-vapur il-*fuel* kien qieghed fil-*bunker* tieghu u ghalhekk, in mankanza ta’ xi rizerva dwar il-prezz jew valur ta’ dan il-*fuel*, is-socjeta` konvenuta akkwirenti kellha ragun tqis li l-prezz offrut minnha kien jinkludi l-valur tal-*fuel* li kien fil-bastiment; *multo magis* meta, kif fuq spjegat, is-socjeta` attrici naqset milli f’xi zmien qabel il-bejgh taghmel uzu mir-rimedji legali disponibbli ghaliha bil-ghan li tissalvagwardja l-pretensjoni taghha ghall-prezz tal-*fuel*. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta ddecidiet li s-socjeta` konvenuta ma kellhiex legitimazzjoni passiva f’dawn il-proceduri.

“40. Ghaldaqstant dan l-aggravju wkoll huwa infondat u qed jigi respint.

> "Decide
>
> "Ghar-ragunijiet premessi, u mhux necessarjament ghar-ragunijiet moghtija mill-ewwel Qorti[2], tichad l-appell, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici".

Is-socjetà attrici talbet ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens li hija ssostni li l-Qorti applikat il-ligi hazina u filwaqt li ghamlet l-osservazzjonijiet taghha, jinghad li naqset milli tivvaluta u tikkonsidra l-ligijiet li kellhom ikunu applikabbli. Tishaq li l-ligi li kellha tigi applikata kienet l-Artikolu 742B(o) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-principji marbuta mieghu u li l-Qorti ma kellhiex tiskarta l-imsemmi artikolu u l-effetti tieghu. Minn dan l-artikolu titnissel il-gurisdizzjoni tal-Qorti fuq il-"provvisti u necessitajiet forniti lill-vapur", kif ukoll li dawn huma separati mill-vapur. Mentri l-Qorti zbaljat meta marret fuq il-principji tal-bejgh ta' vapur bis-subbasta jew ordni tal-Qorti u tal-kancellament ta' ipoteki navali.

Il-fatti tal-kaz, fil-fehma tas-socjetà ritrattandi, kienu jinkwadraw ruhhom precizament fl-artikolu citat minnhom, peress li l-fatti jifformaw is-sisien ta' azzjoni *in rem*. Hija tishaq li l-*fuel oil* li kien jinsab fil-bunker tal-vapur fil-mument tal-bejgh jirradika gurisdizzjoni *in rem* peress li jikkwalifika bhala necessità u wkoll bhala *bunker.* Kwindi, kif tghallem il-gurisprudenza, il-*bunker* dejjem tqies bhala enitità separata mill-vapur u

[2] li bbazata d-decizjoni taghha fuq l-Artikolu 364 tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili

ladarba nbiegh il-vapur, il-*bunker* ma kienx inkluz fil-bejgh u jibqa' separat mill-bejgh tal-vapur. Min jakkwista l-vapur, ma jakkwistax il-*bunker* go fih u b'hekk ma jkunx hallas ghalih. Ir-ritrattandi tinsisti li hija ghandha dritt ta' kreditu kontra l-bastiment. Il-bejgh bis-subbasta tal-vapur, u l-akkwist tieghu minn terzi ma jaffettwax id-dritt taghha li tagixxi kontra l-vapur ghall-kreditu li kellha, ghaliex dan id-dritt ma giex estint.

Fl-ahhar ticcita gurisprudenza sabiex issostni li tinghata ritrattazzjoni meta l-Qorti tkun applikat il-ligi hazina fis-sentenza attakkata u fejn il-Qorti tkun applikat b'mod hazin il-ligi t-tajba li kienet tghodd ghall-kaz.[3] U ghalhekk il-ligi titlob li min jitlob is-smigh mill-gdid ta' kawza, isemmi wkoll liema messha kienet il-ligi t-tajba li suppost kienet applikata, liema rekwizit issostni li gie debitatment indirizzat u sodisfatt minnha wkoll.

Kwindi s-socjetà ritrattandi titlob lil din il-Qorti: (i) li tigi mhassra, irrevokata u annullata s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet premessi, tas-6 ta' Marzu, 2017; u (ii) li tordna r-ritrattazzjoni u s-smigh mill-gdid tal-appell.

Rat ir-risposta tar-ritrattati, li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm imfissra talbu li din il-Qorti tichad it-talba ghar-ritrattazzjoni, bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjetà ritrattandi.

[33] Is-socjeta ritrattandi taghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Novembru, 1997, fil-kawza fl-ismijiet Hicklin v. Hicklin.

Ikkonsidrat:

Il-provvediment tal-ligi nvokat mis-socjetà ritrattandi huwa l-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi tali rimedju ta' ritrattazzjoni:

> "*811. Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Civili, Prim Awla, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*
> *….*
>
> "*(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;*
>
> "*ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni*".

Jibda billi jigu osservati xi principji kardinali rizultanti mill-gurisprudenza, dwar ir-ritrattazzjoni u partikolarment fir-rigward tal-bazi ta' ritrattazzjoni invokata mis-socjetà ritrattandi. Ir-ritrattazzjoni m'ghandha qatt isservi bhala stadju ta' appell iehor. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-10 ta' Ottubru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Charles Michael Gauci v. Alfred Vella nomine**:

> "*Il-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju in kwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massma res iudicata pro veritate habetur. Minn dan titnissel il-konsegwenza taghha li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament, taht il-*

> *pretest tar-ritrattazzjoni l-litigant sokkombent ikun jista' jerga' jiftah il-kawza u b'hekk indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza li mhux permess mil-ligi*".

Tajjeb li jinghad ukoll li jkun hemm lok ghal ritrattazzjoni taht dan il-provvediment tal-ligi invokat mis-socjetà ritrattandi meta jkun hemm "*violazione manifesta di una legge espressa"* (ara sentenza ta' din il-Qorti deciza fis-17 ta' Frar, 1876, fil-kawza fl-ismijiet **Comm. Francesco Azzopardi v. Francesco Galea**). Inghad ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tat-30 ta' April, 2008, fil-kawza fl-ismijiet **Anna Galea et v. St. Julian's Band Club**:

> *"<u>hemm lok ghar-ritrattazzjoni taht l-artikolu 811(e) meta fuq il-fatti li jirrizultaw pruvati, l-Qorti tapplika artikolu tal-ligi minflok iehor</u> li kellu proprjament jigi applikat. Izda ma hemmx lok ghar-ritrattazzjoni meta l-Qorti tapplika l-artikolu korrett tal-ligi u taghti interpretazzjoni tal-artikolu tal-ligi applikabbili ghal fatti kif jemergu fil-kaz. Dina l-Qorti ma tistax terga' tezamina mill-gdid il-fatti u tinterpretahom mill-gdid*". *(sottolinjar mizjud)*

Similment inghad minn din il-Qorti, fis-sentenza taghha tat-28 ta' Frar, 2008, fil-kawza fl-ismijiet **RS2 International (Malta) Limited v. Kontrollur tad-Dwana**:

> "*Illi minn dan johrog li s-smigh mill-gdid ta' kawza ma jinghatax fejn l-ilment tal-parti li titlob ir-ritrattazzjoni jkun dwar it-tifsira jew l-interpretazzjoni li l-Qorti (fis-sentenza attakkata) tkun tat lill-fatti li jirrizultawlha jew tal-ligi li tkun tghodd ghal dawk il-fatti. Ir-ritrattazzjoni tinghata biss meta ghal dawk il-fatti accertati, tigi wzata ligi li ma kinitx tapplika ghall-kaz. Terga' u tghid, f'kaz bhal dan lanqas tinghata r-ritrattazzjoni jekk il-kwestjoni kienet tirrigwarda tifsira ta' ligi li fuqha l-Qorti tkun espressament iddecidiet;*".

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti ma tarax kif l-ilment tas-socjetà ritrattandi jista' jirnexxi. Dan jinghad peress li, ghalkemm il-Qorti ghamlet l-osservazzjonijiet citati mis-socjetà ritrattandi, dan sar wara analizi shiha tal-fatti tal-kaz u tal-ligijiet applikabbli fil-kuntest taghhom, inkluz dik invokata mis-socjetà ritrattandi fil-proceduri odjerni.

Minn ezami tal-paragrafi 27 u 28 tas-sentenza impunjata, jirrizulta li l-Qorti stharrget sew l-applikazzjoni tal-Artikolu 742B(o) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-kuntest ta' ligijiet ohra applikabbli, ghall-fatti tal-kaz. Kwindi ladarba l-applikazzjoni tal-imsemmi artikolu kienet mistharrga u dibattuta fil-kawza li taghha qieghed jintalab smigh mill-gdid, jirrizluta li l-istharrig ta' din il-Qorti ghandu jieqaf hemm, proprju peress li f'dan il-kaz ma hemmx lok ghar-ritrattazzjoni tal-kaz.

Fil-kaz in ezami, m'hemmx kontestazzjoni tal-fatti tal-kaz bejn il-kontendenti fil-kawza, izda pjuttost dwar liema ligi hija applikabbli ghall-fatti tal-kaz. Fis-sentenza impunjata, il-Qorti stharrget l-applikabbilità tal-provvedimenti ta' diversi ligijiet b'tali mod kif hija qieset li kien konsistenti mar-rizultanzi fl-atti. Huwa xoghol il-Qorti li wara li tqis il-fatti li jirrizultawlha, li tapplika ghalihom il-ligi li tghodd. Dan huwa l-qofol tal-ezercizzju ta' kull Qorti, li fih hemm ukoll element ta' uzu ta' diskrezzjoni. Hija l-ligi stess li taghti espressament lill-gudikant tali diskrezzjoni. Dwar dan l-ezercizzju ta' diskrezzjoni, ma hemm ebda rimedju ta' ritrattazzjoni,

kemm jekk il-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha l-Qorti tkun wahda oggettivament tajba, kif ukoll jekk ma tkunx. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Novembru, 1993, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Micallef v. George Pavia**).

Hekk fis-sentenza attakkata, il-Qorti wara li qieset li l-Artikolu 742B(o) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jistabilixxi l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin kontra l-vapuri *in rem*, ghall-pretensjonijiet indikati fl-istess artikolu, osservat li dan bl-ebda mod m'ghandu jigi interpretat li jmur kontra dak mahsub fl-Artikolu 37D tal-Kap. 234 (l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili) jew fl-Artikolu 364 tal-Kap. 12, li jipprospettaw is-sitwazzjoni fejn il-vapur ikun inbiegh b'subbasta jew b'approvazzjoni tal-Qorti, fejn il-kredituri ghandhom jidderigu l-azzjoni taghhom kontra r-rikavat mill-bejgh tal-istess u mhux aktar kontra l-vapur.

Kwindi dan l-aggravju tas-socjetà ritrattandi ma jistax jirnexxi peress li jinkwadra ruhu sew fil-parametri tal-principji tal-gurisprudenza hawn qabel citati, fis-sens li, kuntrarjament ghal dak li jinghad mis-socjetà ritrattandi, huwa konsentit smigh mill-gdid taht l-Artikolu 811(e) f'dawk il-kazijiet biss fejn jirrizulta li l-Qorti tkun applikat il-ligi l-hazina ghall-fatti tal-kawza **<u>u mhux</u>** fejn jinghad li applikat ghalihom il-ligi t-tajba b'mod hazin. (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Novembru, 1997, fil-kawza fl-ismijiet **Rita Hicklin et v. Loreto Agius**).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tichad it-talba tas-socjetà ritrattandi Falzon Group Holdings Limited ghat-thassir tas-sentenza li tat din il-Qorti fis-6 ta' Marzu, 2017, u tichad ukoll it-talba konsegwenzjali ghas-smigh mill-gdid tal-kawza.

Bl-ispejjez kollha relattivi u marbuta ma' din il-procedura jithallsu mill-istess socjetà ritrattandi.

Joseph Azzopardi
Prim Imhallef

Joseph R. Micallef
Imhallef

Tonio Mallia
Imhallef

Deputat Registratur
mb